Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 4

It-Tnejn 2 ta' Settembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Steven Grech – Sindku
Elenia Desira – Viċi Sindku
Janice Chetcuti – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Stephen Caruana – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 4.1 | Qari ta’ ittri ta’ apoloġiji |
| 3.1.1 | Ma kienx hemm. |
| 4.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 4.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti innumerata 3 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 4.2.2 | Is-Sur Steven Grech ppropona u s-Sur Daniel Zerafa ssekonda l-minuti tas-Seduta 3 u ġew approvati b’votazzjoni unimament fost dawk preżenti. |
| 4.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 4.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-31 ta’ Awwissu 2019 flimkien ma’ raprezentant ta’ zibel Malta mar fuq il-post fejn se jitwahhal s-*SeaBin* sabiex jibdew ix-xogholijiet biex jigi installat. |
| 4.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li nhar is-26 ta’ Awwissu 2019 flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha mad-Dipartment ta’ l-Agrikoltura sabiex jitkomplu t-tahdidiet tal-*FishFest.* Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellha tinzamm laqgha ohra nhar l-4 ta’ Settembru 2019 flimkien mal-Kappillan u l-Koperattiva tas-Sajd. |
| 4.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-fustun li hemm Xatt is-Sajjieda kien se jibqgha nstallat sal-Milied u l-Kunsill ma’ kienitx se tigih flus u kien hemm probabilita li jonqos mil-prezz tal-armar tal-Milied ukoll. Is-Sindku staqsa lil-Kunsill jekk jaqbilx li tingabar *quotation* sabiex jigu nstallati xi arbli ghall-istess tizjijn ghax ma’ kienx hemm bizejjed. Il-Kunsilliera prezenti kollha qablu f’dan ir-rigward. |
| 4.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li t-tabelli l-godda tal-Bajjiet ma’ gewx installati ghar-raguni li s-Sajf ma’ tantx kien fadallu imma nforma wkoll lill-Kunsill li jekk iridu li dawn jigu nstallati issa hu ma’ jsibx problema. |
| 4.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li parti mill- art ta’ fejn it-*TexMax* se tittiehed mill-*Water Polo Club* u Transport Malta talbet li l-art tigi mnadfa bil-lest sakemm johrog il-permess. Is-Sindku nforma l-Kunsill li fuq din il-bicca art hemm lanca tal-gwerra (HSL) u huwa talab li tigi restawrata u wara titqieghed fl-akwata ta’ fejn il-*Hard Standing* jekk il-Kunsill jaqbel. |
| 4.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsillera li ghadejjijn tahdidiet mad-Dipartiment tat-Turizmu u *Infrastructure* Malta rigward it-tinda tal-Ghajn tal-Hasselin sabiex issir kif kienet qabel ma’ tnehhiet. |
| 4.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li dak in nhar tal-Attivita’ tal-*FishFest* hemm diffikulta zghira ghax se jkun hemm tieg ghaldaqstat talab lill-Kunsilliera jekk jaqblux mal-proposti tieghu sabiex jaghtu alternattiva minn fejn taghddi l-*Coach*. Il-Kunsilliera qablu mal-proposti tas-Sindku li l-*Coach* taghddi man-naha tal-*Hunters* u tidhol ghall-pjazza u mill-pjazza stess tirriversja ghal Triq Duncan u jekk tkun ix-xita il-*Coach* taghddi bir-*reverse* minn Triq Zejtun imbasta l-*Coach* ma’ titlax fuq iz-zuntier. Is-Sindku nforma l-Kunsill li se jghid lis-sinjuri jqabdu il-*wardens* sabiex ikun hemm kontroll tat-traffiku u jigu |

| | |
|---|---|
| | evitati incidenti, kif ukoll jiffirmaw dokument mill-Kunsill sabiex logistikament jimxu ma' dak li ddecieda l-Kunsill waqt il-laqgha. |
| 4.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li jkun ideali jekk Triq is-Salvatur tigi *One-Way* u ghaldaqstant talab l-opinjoni tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu ma' dak li ssugerixxa s-Sindku. |
| 4.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li minflok bollards ghandhom isiru qsari ghaldqstant talab ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti,s-Sur Steven Grech, s-Sa Elenia Desira, s-Sa Janice Chetcuti u s-Sur Stephen Caruana qablu li jitpoggew qsari filwaqt lis-Sur Daniel Zerafa ma qabilx u ssugerixxa li jitpoggew kanen tal-hadid mimlijijn bil-konkos. |
| 4.4 | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 4.4.1 | Is-Sa Elenia Desira staqsiet: "Sur Sundku komunikazzjoni mas- sidien tal-karrijiet li jinsabu fit-Triq it-trunciera saret biex jitnehhew hekk kif kien deciz il-laqgha precedenti biex ix-xoghol fuq l-Berga jkun jista' jibda?'' Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien informa uhud mis-Sidien tal-karrijiet u li se jitwahlu s-*Seven Day Notices*. |
| 4.4.2 | Is-Sa Elenia Desira staqsiet: "Jekk il-kas kien li ma sarx komunikazzjoni. X'kienet ir-raguni ghala ma sarx komunikazzjoni mas-sidien?'' Is-Sindku informa lill-Kunsill li ma jafx is-Sidien kollha min huma ghaldaqstant kien se jkellem l-ufficjali responsabbli f'dan ir-rigward. |
| 4.4.3 | Is-Sa Janice Chetcuti staqsiet: "Hekk kif batilkom *email* detaljata fuq kif nistghu nuzaw u nqassmu fondi provduta lill-Kunsill mil-LESA nixtieq nara ghandix l-approvazzjoni taghkom biex isir dan?'' Wara diskusjoni libera bejn il-Kunsillira gie deciz li l-proposta ta' Sa Janice Chetcuti tigi approvata. |
| 4.4.4 | Is-Sa Janice Chetcuti staqsiet: "F'isem Elenia, Daniel u f'ismi taqblu li tintbghat *News Letter* lir-rezidenti u jinhatar (*Sub-Group*) f'dan ir-rigward?'' Wara diskussjoni libera gie deciz li l-ewwel jingabru l-kwotazzjonijiet u il-materja terga' tittella laqgha ghall-approvazzjoni. |
| *Il-hin huwa 18:20pm u l-laqgha tal-Kunsill giet sospenduta sabiex individwu jkellem lill-Kunsilliera.* | |
| *Il-hin huwa 18:30pm u l-laqgha tal-Kunsill tkompliet.* | |
| 4.4.5 | Is-Sa Janice Chetcuti staqsiet: " Nixtieq nara naqblux fir-rigward dan li gej?''<br>• *Gazibos* huma permessi li jitwaqfu sakemm ikunu b'distanza ta' zewg metri l-boghod mill-bahar;<br>• Ma titwahhal l-ebda ata maghha jew inkella jitnizlu xi gnubijiet ghaldaqstant sakemm *Gazibo* tkun qisa umbrella jistghu jigu uzati;<br>• Il-*Gazibos* u l-umbrellel ghandhom jigu zarmati qabel inzul ix-xemx. Dan kollu wasalna halih qabel iltqajna mal-Ispettur.<br>Wara diskussjoni libera u qbil unanimu gie deciz li ghandha tigi emendata l-*Bye Law* skond dawn il-proposti. |

| | |
|---|---|
| 4.4.6 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Peress li il-ħaddiema assenjati bħalissa qieghed tieħu ħsiebhom inti waħdek nista nsaqsi meta beħsiebek tnaddaf il-Gutters ta' Xatt is-sajjieda qabel jibdew l-ilmijiet tal-maltemp? '' Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Gimgha d-diehla gejjin haddiema tad-Dipartiment tal-Cleansing sabiex il-*Gutters* jitnadfu bil-*Power Wash*. |
| 4.4.7 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Peress li il-ħaddiema assenjati bħalissa qegħdin taħt il-ħarsien tiegħek meta ser jeħlu t-tabelli ġewwa Delimara sabiex ma ssirx iżjed ħsara? Bħal qtugħ ta' siġar, rimi ta' skart minn xi individwi li imorru *Picnic* b' karozzi, *Caravans* u *Campers*. Mingħajr dawn it-tabelli ma nistgħux insejħu korpi dixxiplinati jinfurzaw?'' Is- Sindku nforma lill-Kunsill li dawn it-tabelli se jigu nstallati dalwaqt. |
| 4.4.8 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Peress li il-ħaddiema assenjati bħalissa jaqgħu taħtek insaqsi għaliex it-tabelli tal-bajjiet għadhom ma twaħħlux, xahrejn wara li kunsill iddeċieda dan u xahar wara li wasslu it-tabelli għadna? Anke jekk il-Pulizija u l- LESA talbuk personalment sabiex jeħlu u juru direzzjoni filwaqt li jgħinu fl-infurzar?'' Is- Sindku nforma lill-Kunsilliera li dawn it-tabelli ma' gewx installati ghar-raguni li s-Sajf daqt kien se jispicca u jigi evitat li t-ttabelli issirilhom hsara bil-maltemp. Is-Sindku zied jghid li la kienet x-xewqa tal-Kunsill li jigu nstallati issa, hu kien se jaghmel dan mill-aktar fis. |
| 4.4.9 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Peress li il-ħaddiema assenjati bħalissa qegħdin taħt il-ħarsien tiegħek meta ser jinżebgħu dawn it-toroq li ilni li tlabt li jinżebgħu?''<br><br>• Triq Melqart parti ta' fuq;<br>• Triq Gulinu Maniscalco;<br>• Triq Axtart.<br><br>Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ghandha tintbghat *email* mill-Knsilliera lill-Amministrazzjoni bl-ilmenti kollha li jkollom. |
| 4.4.10 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Il-Leġislatura l-oħra spiss kont tilmenta li s-Sindku preċedenti kien imur laqgħat għalih waħdu jew mingħajr ma jieħu s-Segretarju Eżekuttiv jew xi kunsilliera. Illum din qegħda tiġi ripetuta minnek stess hekk kif sorsi tiegħi wasluli nformazzjoni. Ejja nitfa' fil-ġenb il-laqgħat tad-dekasteri tiegħek, dan ix-xahar fid-dekasteru tal- Kultura li nieħu ħsieb, inżammu laqgħat tac-*Chinese Night* mingħajr ma ġejt mgħarraf. Oħra li apparti Kultura hija tas-Sajd u l- *Fishfest,* l-ebda kunsillier ma ġie nfurmat dwar dan. Se jibqa' dan l-atteġġament tiegħek tul il-ħames snin li ġejjijn?'' Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien se jghid lis-Sur Daniel Zerafa jattendi ghat-tieni laqgha tac-*Chinese Night* u ma' kenx stiednu ghall-*FishFest* ghar-raguni li meta kellu jiehu hsieb l-attivita' f'sena precedenti huwa ma kienx ha nteress. Is-Sur Daniel Zerafa nforma lil-Kunsill li mhux ma' kienx ha nteress imma ghax kien imsiefer. |
| 4.4.11 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Hekk kif is-sajf bħal ħames snin preċedenti, qiegħed nispiċċa waħdi nieħu azzjonijiet fuq infurzar u tindif tal-bajjiet, qiegħed insib il-bsaten fir-roti. Ġejt infurmat minn terzi fejn wara xahar inneħħu kampijiet *Caravans* u gazebos kif imniżżla fil-*ByeLaw*, lejliet il-festi u int għedt lin-nies li *Gazebos* setgħu jibqgħu armati basta miftuħin. Ma neskludiex kamp partikolari fuq il-*Breakwater*. Din neħħiet kull inizjattiva u ħalliet lok ta'abbuż ikompli. Jien nemmen li iktar kemm nħallu *Gazebos* armati iktar se nħallu triq miftuħa għall-*Camping* u aktar skart ,ma neskludiex skart |

| | |
|---|---|
| | uman. Jekk il-kunsill irid jemenda l-*ByeLaw* u jrid iħalli *Gazebos*, jien nissuġerixxi li dawn jitħallew jintramaw kontra ħlas. Taqbel ma din il-proposta jew x' inhi l-pożizzjoni tiegħek?'' Is-Sindku nforma lil-Kunsilliera li l-ewwel se tigi emendata l-*ByeLaw* u wara terga' tigi diskussa f'laqgha tal-Kunsill. |
| 4.4.12 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Fid-dawl ta' dawn l-azzjonijiet ta' nfurzar fuq kampijiet u campers jien nemmen li wasal iż żmien li nallokaw żona bħala *Camping Area* fejn tiġi mikrija kontra ħlas minn dawk li jixtiequ jikkampjaw u igawdu bil-mod tagħhom. Taqbel li għandna nsibu żona għal dan il-għan?'' Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-idea ghalkemm hija sabiha l-art imsemijja waqt id-diskussjoni hija tal-privat ghaldaqstsnt kellha ssir ricerka jekk hemx art tal-Gvern ghall-dan il-ghan. |
| 4.4.13 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Jien naqbel li ikun hemm fustun, idawwal ix-Xatt iżda li ikun propjeta ta' kunsill u peress li bħalissa irridu nkunu bil-għaqal imħabba proġetti oħra li rridu nwettqu ma naħsibx hu għaqli nixtru wieħed issa. Jekk naħdmu biex inġibu wieħed minn fondi oħra tkun storja oħra. Iżda bħalissa min qiegħed jagħmel tajjeb ghall-fustun li hemm max-Xatt? '' Din il-mistoqsija giet imwiegba fil-minuta 4.3.3. |
| 4.4.14 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Il-pjazza taqbel miegħi li għanda bżonn iktar attenzjoni?''<br><br>a) Meta hu maħsub li jitwaħħlu il-Fanali tal-pjazza?<br>b) Kif se nsolvu il-problema tal-barrier?<br>c) Kif se nsibu mezz nwaħħlu cameras tas sigurta'?<br>d) Hemm xi ħsieb li il-funtana terġa tiffunzjona b mod bażiku?<br>e) Meta ser nerġgħu inpoġġu bollards li hemm nieqsa kif il-kunsill iddċieda xhur ilu li jitwaħħlu Kanen tal-ħadid *hollow section*, mimlijin konkos li jinqalgħu u jitpoġġew posthom?<br><br>Risposti:<br>a) Is-Segretaju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-fanali ordnati u l-Kuntratur kien qed jistenna li jaslu min barra sabiex jigu nstallati.<br>b) Wara diskusjoni libera gie deciz li ssir laqgha mad-DPO tal-Kunsill u ssir applikazjoni sabiex jigu nstallati zewg *Cameras*, wahda mal-Binja tal-Kunsill u ohra fuq il-*Barrier* tal-Pjazza.<br>c) Il-mistoqsija giet imwiegba f'paragrafu fil-minuta 4.4.14 (b).<br>d) Is-Sidku nforma lil-Kunsill li kien se jsaqsi lill-Ministru responsabbli mir-*Regneration Plan* sabiex il-funtana tintranga mal-progett.<br>e) Din il-mistoqsija giet imwiegba f'minuta 4.3.9. |
| 4.4.15 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Reġa għadda sajf ieħor fejn kellna ninfurzaw il-promenade u nallokaw il-postijiet għall- Imwejjed u s-Siġġijiet tar-Ristoranti b'mod bilanċjat għal dak li r-residenti ilhom jitolbu minnha. Ser nistennew sajf ieħor jasal biex inwaħħlu dawn il-marki u nirregolaw din il-problema jew meta beħsiebek li ssir din il-ħidma?'' Is-Sindku nforma lill-Kunsill li se tintbghat ittra lir-Ristoranti sabiex il-Kunsill jitkellem maghhom f'dan ir-rigward. |
| 4.4.16 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Wara li għadd ta' Ristoranti weħlu multa minħabba *Skips* li joħorġuhom barra fit-toroq f ħinijiet mhux permessibli, dawn avviċinawni fejn ġew imwegħda minnek li jinstab servizz għall- gbir ta'skart tar-Ristoranti. Hemm xi *follow up* fuq il-kwistjoni?'' Is-Sindku nforma lill-Kunsill li meta tintbghat l-ittra lir-Ristoranti kif gie deciz fil- minuta 4.4.15, din il-materja se tigi diskussa wkoll. |

| | |
|---|---|
| 4.4.17 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Hemm għajta li in-nies jixtiequ it-Tinda tal- Għajn tal-Hasselin terġa' tinbena. Bħala parti mill-Kultura u Storja hi x-xeqwa li trid isseħħ u tingħata lura lin-nies. Saru xi diskussjonijiet fir-rigward ?'' Din il-mistoqsija giet imwieba fil-minuta 4.3.6. |
| 4.4.18 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Wara li xhur ilu ġiet approvata minn TM, traffic managment ta' Triq tat trunċiera, għad disilluzjoni tiegħi wasliti informazzjoni li din jew issir mill-kunsill jew minn entita oħra. Peress li il-kunsill tiġiħ spiża kbira ser issir talba li Infrastructure Malta sabiex titwettaq?'' Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li se jiddiskuti din il-materja ma' *Infrastructure* Malta. |
| 4.4.19 | Is-Sur Daniel Zerafa taqsa: "Nistghu nixtru Bandiera ta' Malta gdida ghax li hemm imqatta'?'' Wara diskussjoni libera gie deciz li jingabru tlitt *quotations* sabiex tinxtara l-Bandiera. |
| 4.4.20 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Taqblu li ssir *App* gdida ghall-*Website* tal-Kunsill?'' Wara dikussjoni libera gie deciz li l-Kunsill jiltaqgha mal-klijent u jingabru wkoll *quotations* ohra. |
| **4.5** | **Rapporti** |
| 4.5.1 | - Permezz ta' korrispondenza datata 29 ta' Awwissu 2019 mingħand id-Direttorat ghall-Gvern Lokali l-Kunsill gie nfurmat b'linji gwida ta' ismijiet ta' Toroq godda.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 26 ta' Awwissu 2019 mingħand l-MHSA l-Kunsill gie nfurmat sabiex grupp ta' studenti ta' l-Universita ta' Malta mill-fakulta tas-Sahha u Xjenza jorganizzaw attivita' f'Marsaxlokk fejn jaghmlu *health-checks* varji. Wara diskussjoni libera gie deciz li din l-attivita' ghandha ssir.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 8 ta' Awwissu 2019 mingħand id-Direttorat ghall-Gvern Lokali l-Kunsill gie nfurmat bil-pubblikazzjoni ta' zewg Avvizi Legali nnumerati 175/2019 u 176/2019.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 30 ta' Awwissu 2019 mingħand qassis tal-Kappella tas-Silg il-Kunsill gie nfurmat b'rikjesta sabiex jitnehhew il-globi l hemm prezeti quddiem il-Kappella u jsiru *flud lights.* Wara decizjoni libera gie deciz li ghandha tintbghat applikazzjoni lill-Enemalta sabiex din ir-rikjesta ssir.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 26 ta' Awissu 2019 mingħand zewg individwi l-Kunsill gie nfurmat b'rikjesta ghal posta sabiex jorbtu l-bastiment taghhom u jkollom wiesgha fejn ibieghu l-hut, u jkun hemm spazju sabiex jaqdu lit-turisti mata jaghml x-xoghol tal-*Boat Trips.* Wara dskssjoni libera l-Kunsill iddecieda li se jara x'jista' jaghmel sabiex jghin f'dan ir-rigward.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 2 ta' Settembru 2019 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali l-Kunsill gie nfurmat bl-ingagg obligatoru ta' *Contracts Manager.*<br><br>- Permezz ta' Cirkolari 2019/095 datata 28 ta' Awwissu 2019 mingħand l-Assocjazzjon tal-Kunsill Lokali il-Kunsill gie nfurmat b' inzjattiva tal-Wasteserv.<br><br>- Permezz ta' Cirkolari 2019/093 datata 27 ta' Awwissu 2019 minghand l-Assocjazzjon tal-Kunsill Lokali l-Kunsill gie nfurmat b'korrispondenza li tiratta s- *Social Media* imhadma mill-Kunsill Lokali. Il- |

| | |
|---|---|
| | Kunsill gie nfurmat li jrid jinnomina persuna sabiex tkun responsabli minn dan u tirraprezenta l-Kunsill. Wara diskussjoni libera gie deciz li s-Sur Daniel Zerafa u persuna mill-amministrazzjoni jigu nominati.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 29 ta' Awwissu 2019 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali l-Kunsill gie nfurmat bl- *Accumulation of Vacation Leave* 2019-2020 tas-Segretarju Ezekuttiv. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li mhabba cirkostanzi ta' xoghol ma' setghetx taghmel uzu mill-*leave* kollu ghaldaqstant talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tkun tista' titrasferixxi 96 siegha mill-leave tas-sena 2019 ghas-sena 2020. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti t-trasferiment tal-leave li jammonta ghal 96 siegha gie approvat mill-Kunsilliera prezenti.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br><br>PA/03820/16, PA/03586/19, PA/06422/19, PA/06281/19, PA/06400/19, PA/06282/19, PA/06322/19, RG/01577/19, PA/06045/19, PA/05320/19, PA/03782/16.<br><br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija. |
| **4.6** | **Mozzjonijiet** |
| 4.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **4.7** | **Pjan ta' Hidma 2019 – 2023** |
| 4.7.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta l-Pjan ta' Hidma lill-Kunsilliera. Wara diskssjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti il-Pjan ta' Hidma gie approvat u ffirmat u gie deciz li l-laqha ghall-pubbliku tinzamm nhar is-27 ta' Settembru 2019, jew fil-Binja tal-Kunsill inkella fis-sala tal-Kapillan. Kellha ukoll tintbghat ittra f'kull residenza tal-lokal. |
| **4.8** | ***Fish Fest* 2019** |
| 4.8.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li kellha tinzamm laqgha mal-koperattiva tas-Sajd flimkien mad-Dipartiment tal-Agrikoltura u l-Kunsill sabiex isiru aktar diskussjonijiet ghall-attivita tal-*Fish Fest* 2019. |
| **4.9** | ***Chinese Culture Night* 2019** |
| 4.9.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li nhar it-22 ta' Settembru 2019 se tinzamm attivita ta' *Chinese Culture Night* mill-Kumpanija SEP, fil-Pjazza ta' Marsaxlokk. Is-Sur Steven Grech zied jghid li fl-istess gurnata kien hemm rikjesta ohra mill-OPM sabiex jigu tal-Bank tad-demm u jarmaw fil-pjazza. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-OPM gie nfurmat li kien diga' hemm fthemin dwar l-attivita' tac- *Chinese Culture Night* imma l-Kunsill kien ghadu bla risposta x'ha jigri bl-attivita' tal-Bank tad-Demm. |
| **4.10** | **Hatra ta' Deputat Segretarju Eekuttiv** |
| 4.10.1 | Is-Segetarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li wara li rcieva l-approvazzjoni tal-Kunsiliera kollha b'*email* sabiex haddiem amministrattiv fi skala hdax jinhatar Deputat Segretarju Ezekuttiv ghall-Kunsill ta' Marsaxlokk, hi mexxiet il-process u talbet lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex tinaghta l-approvazzjoni tal-hatra. Sa Emma Vella nfurmat lill-Kunsilliera li kull tlitt xhur il-Kunsill irid jerga' japprova l-hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv. |

| | |
|---|---|
| 4.11 | Monti ta' Nhar ta' Hadd |
| 4.11.1 | Is-Sindku nforma lil-Kunsiliera li wara li ntbaghtu l-ittri lill-*Market Hawkers* li jarmaw ghall-monti ta' nhar ta' Hadd rigward il-posti l-godda, l-Kunsill ircieva hafna lmenti flimkien ma' ittri mibghuta minn Avukati f'isem s-Sidien tal-bankarella. Is Sur Seven Grech informa lill-Kunsill li se jiddiskuti din il-materja ma' l-MEIB u l-MOT. |
| 4.12 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 4.12.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 9/19) għall-approvazzjoni. |
| 4.12.2 | Fuq mozzjoni tas- Sur Sur Sephen Caruana, issekondata mis-Sa Elenia Desira, l-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 4.12.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Awwissu 2019 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 4.12.4 | Is-Segretarju Ezekuttiv talbet lis-Sindku sabiex japprova *item* li ma kienx imnizzel fuq Agenda numru 4 ghax riedet taghmel mistoqsija u s-Sindku accetta l-proposta. Is-Segretarju Ezekuttiv talab lill-Kunsilliera prezenti jekk ghandhomx fiducja fit-tmexxijja taghha u dan imhabba kaz li kien gara ftit jiem qabel fejn hi hasset li sar indhil zejjed mis-Sindku fl-amministrazzjoni. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunillera, Sa Elenia Desira, Sa Janice Chetcuti, s-Sur Daniel Zerafa u s-Sur Stephen Caruana urew fiducja assoluta fis-Segetarju Ezekuttiv. Is-Sindku, s-Sur Steven Grech qal li se jivvota favur ghax il-Kunsilliera l-ohra ghamlu hekk. |
| 4.13 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
| 4.13.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fit-8:05pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Gimgha 27 ta' Settembru 2019 fl-4.30pm. |

Konfermati, illum 2 ta' Settembru 2019.

IFFIRMATA

_________________

Steven Grech
Sindku

IFFIRMATA

_________________

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv